MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 5/2012

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Gunju 1997 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel jismu D ghadu minorrenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Nutar Nicholas Vella tat-13 ta' Marzu 2005 (ara Dok B anness) u ghalhekk ilhom aktar minn erba' snin mifrudin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni ta’ bejniethom stante illi minnbarra li ilhom hafna aktar zmien qabel is-sena 2005 mifrudin de facto u aktar minn erba’ snin mifrudin legalment illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-manteniment dovut huwa garantit u regolat mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Jannar, 2012;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-intimata la ipprezentat ir-risposta u lanqas ma dehret ghas-smigh ta’ dan ir-rikors;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta’ Marzu 2005 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal

rikonciljazzjoni ta’ bejn il-partijiet, kif ukoll illi ma hemm l-ebda problema dwar manteniment.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------